MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Numru. 811/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON MICALLEF**

**VS**

**SHARON BRIFFA**
**(ID Numru: 546680M)**

Illum, 19 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sharon Briffa, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 546680M.

**Akkuzata talli:**

Nhar l-10 ta` Lulju 2011, ghal habta tal-erbgha u kwart ta` wara nofs inhar (16:15hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe` fi Triq Sir Patrick Stuart, Gzira, bil-hsieb li tikkommetti omicidju volontarju fuq diversi persuni, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saqet vettura tat-tip Mercedes bin-numru tar-Registrazzjoni CCO202 ghal fuq diversi persuni prezenti fl-imsemmija triq, liema omicidju ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghha.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunat feriti ta` natura gravi fuq il-persuna tal-istess Roman Sultana u ta` Kenneth Sultana, u dan skont kif iccertifikat minn Dr. Malcolm Caruana M.D. (Med. Reg. No. 2864) u minn Dr. John Cutajar M.D. (Med. Reg. No. 2870) rispettivament, it-tnejn mill-isptar Mater Dei.

U akkuzata wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kienet ipprovokata, ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CCO202 b'manjiera traskurata.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CCO202 b'manjiera perikoluza.

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CCO202 b'velocita` qawwija.

Il-Prosekuzzjoni qieghda gentilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex f'kaz ta` htija, minbarra l-piena stabilita`, tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Il-Qorti qed tigi umilment mitluba wkoll lli barra li tinfliggi l-piena marbuta ma` dawn ir-reati, tordna l;ill-imputata thallas l-ispejjex relattivi a tenur tal-artikolu 533 ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 17, 31, 533, 218, 216, 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 15 (1) (a), 15 (2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll fl-Artikolu 127 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 taht Kapitolu 65 tal-Ligijeit ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-fehma ta` dina l-Qorti, waqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tapprova l-akkadut, il-Qorti ma tistax ma taghmilx taghha dak li qalet id-difiza fin-nota ta` trattazzjoni taghha fuq il-kwistjoni ta` volontarjeta`.

Illi huwa evidenti li l-imputata ma kienetx f'mohhha meta gara l-incident u kienet ecitata b'tali mod illi hija ma kienetx taf dak li hija kienet qed taghmel.

Illi wiehed ghandu jiftakar illi dana l-incident sehh wara avveniment pjuttost serju fejn fih kien involut il-*partner* tal-istess imputata li telqet minnufih minn dana l-incident fejn kien involut il-*partner* taghha fi stat ta` ecitament u emozzjonali tant illi hija ma kienetx taf dak li qed taghmel.

Ghalhekk dina l-Qorti qieghed issib lill-imputata hatja talli, involontarjament fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunat feriti ta` natura gravi fuq il-persuna tal-istess Roman Sultana u ta` Kenneth Sultana, u dan skont kif iccertifak minn Dr. Malcolm Caruana M.D. (med. Reg. No. 2864) u minn Dr. John Cutajar M.D. (med. Reg. No. 2870) rispettivament, it-tnejn mill-isptar Mater Dei.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kienet ipprovokata, ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CCO202 b'manjiera traskurata.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CCO202 b'manjiera perikoluza.

U finalment talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni CCO202 b’velocita` qawwija.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti tillibera lill-istess imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta waqt li qed tilliberaha mill-akkuza ta` omicidju volontarju.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------